MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 3/2005

**App Nru 3/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Said,**
**Kim Said u**
**George Said**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Said, Kim Said u George Said li gew akkuzati talli fis-6-6-2004 ghall-habta tas-2.15am u wara, Kim Said ID 31282(G) u George Said ID 36274(M), ghan-nom ta' 'La Grotta Ltd' u bhala l-persuni li f'isimhom ghandhom licenzja ta' l-istabbiliment 'La grotta' li jinsab fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Ghawdex, liema stabbiliment huwa licenzjat bhala diskoteka taht l-Att dwar Servizzi ta' l-

Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, u George Said ID 31643(G) bhala sostitut licenzjat u bhala l-persuna li kien qed imexxi l-imsemmi stabbiliment,

1) organizza jew mexxa divertiment jew li kienu responsabbli ghall- organizzazzjoni jew tmexxija tad-divertiment, organizzaw party jew disco fil-miftuh liema disco ma ntemmx fis-2.00am, bi ksur ta' l-artikolu 10 tal-A.L. 124/1995 kif sussegwentement emendat;

2) talli waqt li kienu jorganizzaw din l-atttivita (Disco) fil-miftuh, din l-attivita` ma spiccatx fis-2.00 am bi ksur ta' l-Art 36 (b) tal-A.L. 102/2002; u

3) talli fl-istess data u lok bejn is-2.00am u l-4.00am iggestew attivita` kummercjali fil-berah minghajr il-permess ta' l-Awtorita` Regolatorja (Art 13 Kap 441);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-16 ta' Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija George Said, Kim Said u George Said mhux hatja u illiberathom minn kull akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fis-7 ta' Jannar 2005 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel qorti interpretat hazin l-artikolu [**recte**: regolament] 36(b) tal-A.L. 102/2002 li jipprovdi ghal massimu ta' hin sas-saghtejn ta' filghodu, u li biex stabbiliment bhal dak li kienu jiggestixxu l-appellati fiz-zmien relavanti ghall-imputazzjonijiet izomm diskoteka sa l-erbgha ta' filghodu irid ikun hemm il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (regolament 36(c)). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, irriteniet li a bazi tad-dokumenti ezibiti kellu jigi ritenut li l-imsemmi Ministru kien ghogbu jaghti tali estensjoni.

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-appell nru. 2/05 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Kim Said, George Said u Joseph Said***; u ghar-ragunijiet kollha moghtija f'dik is-sentenza, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------